# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 5 ta' Gunju 2001**

**Citaz.  numru:  897/00 M2 NA**

**Daniela Pelligra mart Salvatore Pelligra f'isimha proprju u ghan-nom u fl-interess tat-tifel taghha Jader Pelligra**

**vs**

**Salvatore Pelligra**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-10 ta' Mejju 2000.  Bazikament, u dana ghar-ragunijiet hemm moghtija, titlob lill-Qorti tirrevoka digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Jannar 2000 in kwantu b'dan id-digriet il-konvenut inghata access ghall-minuri Jader barra mill-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati u cioe' fi Sqallija u dana matul ix-xahar ta' Awissu.

Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta tal-konvenut fit-22 ta' Mejju 2000 fejn, ukoll ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab lill-Qorti tichad it-talbiet attrici u tikkonferma d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili liema digriet, skond hu, kien inghata wara li s-Sekond'Awla kienet ikkunsidrat akkuratament ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2000 il-Qorti giet mitluba differiment mill-Avukati rispettivi, filwaqt illi r-rikors gie trattat fis-seduti tat-23 ta' Jannar u 12 ta' Marzu 2001, f'liema seduta d-difensur ta' l-attrici talbet, u gie lilha koncess, il-fakolta' li taghmel nota ta' sottomissjonijiet. Minkejja illi z-zmien ghal din in-nota gie mgedded in-nota ma saritx, probabbilment ghax il-partijiet lahqu ftehim bonarju li nfurmaw il-Qorti dwaru fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2001.

Huma kellhom jipprezentaw rikors konguntiv f'dan is-sens u r-rikors promotur gie differiet ghad-digriet kamerali wara l-prezentata ta' dan ir-rikors. Effettivament fis-17 ta' Mejju 2001 il-partijiet ipprezentaw dan ir-rikors li a bazi tieghu sejjer jinghata d-digriet odjern ukoll ghax il-Qorti hija tal-fehma illi l-

ftehim raggunt bejn il-partijiet mhuwiex sejjer ikun ta' pregudizzju ghall-minuri.

Dan ir-rikors huwa ghalhekk deciz billi l-Qorti takkorda access lill-intimat Salvatore Pelligra ghall-minuri ibnu gewwa Sqallija u dana a termini tal-kondizzjonijiet miftiehma fir-rikors konguntiv tas-17 ta' Mejju 2001 u cioe' illi l-access ghall-minuri barra mill-gurisdizzjoni ta' dawn il-Gzejjer ikun bejn it-12 u s-26 ta' Awissu ta' kull sena u alternattivament kull sena bejn l-20 u s-27 ta' Dicembru jew bejn id-29 ta' Dicembru u l-5 ta' Jannar, b'dan illi l-minuri ghandu jingabar mill-missier mir-residenza tieghu f'Malta u jigi ritornat lill-ommu gewwa Sqallija, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dan l-access jithallsu mill-intimat Salvatore Pelligra nkluzi ghalhekk l-ispejjez inkorsi mill-omm biex tmur tigbor lill-binha minuri minn gewwa Sqallija.  Il-passaport tal-minuri ghandu jkun limitat ghal dan il-perjodu ta' zmien.

Huwa ghalhekk li dan id-digriet, kif ukoll miftiehem bejn il-partijiet, ghandu jkun ikkomunikat lill-Ufficjal tal-Passaporti, lill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u lis-Sea Terminal gewwa l-Marsa, kif ukoll lill-Ambaxxata Taljana gewwa l-Furjana.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.